# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**
**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**
**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Frar, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 1688/00mm**

**Roosendaal Trading Limited**

**vs**

**Mario Mifsud**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u wiehed u sittin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm261.66) ammont rapprezentanti prezz ta' oggetti ta' ikel u xorb mibjugha u ikkonsenjati lill-konvenut, liema hlas baqa' ma sarx, minkejja diversi nterpellazzjonijiet maghmula lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra gudizzjarja ta’ l-24 ta’ Mejju, 1999, u bl-interessi legali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-29 ta’ Jannar, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.